# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum id-9 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 1176/2010 SM**

**Joseph Camilleri (I.D. 0533848 M)**
**u martu Doris Camilleri (I.D. 0471851 M)**

**vs.**

**Ruben Pace (I.D. 0431773 M)**
**u martu Michelle Micallef (I.D. 0276174 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-12 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew s-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' skrittura privata datata t-28 ta' Mejju, 2003, (ara foll 4), ir-rikorrenti bieghu l-istokk kollu deskritt fl-istess skrittura ghall-prezz ta' wiehed u tletin

elf, mija u seba' u tletin euro u hamsa u disghin centezmu, (€31,137.95);

1.2. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti kellu jithallas fi zmien seba` (7) snin mid-data tal-istess kuntratt;

1.3. Illi s-somma fuq riferita bdiet tithallas permezz ta' depozitu u permezz ta' rati mensili;

1.4. Illi pero` ftit wara sena l-pagamenti rateali *de quo* waqfu;

1.5. Illi konsegwenza tal-istess l-intimati tilfu l-beneficcju tal-ezenzjoni tal-hlas tal-imghax, (ara klawsola numru 3 a foll 5), u b'hekk bdew jiddekorru l-imghax fuq il-bilanc rimanenti bir-rata ta' 7.75% fis-sena b'effett mill-31 t'Awwissu, 2004, fuq is-somma ta' €22,848.64 hekk rimanenti;

1.6. Illi ghalkemm debitament interpellati biex jersqu ghall-hlas tal-iskadenzi dovuti, l-intimati baqghu inadempjenti, (ara foll 7 u 9);

1.7. Illi sat-28 ta' Mejju, 2010, meta skada t-terminu finali ghall-hlas tal-bilanc kollu dovut mill-intimati l-ammont ta' €22,848.64 kien ghadu minnhom dovut lir-rikorrenti, oltre l-imghaxijiet u spejjes dovuti;

1.8. Illi l-intimati m'ghandhomx risposti validi x'jipprezentaw ghat-talbiet tar-rikorrenti;

1.9. Illi ghaldaqstant aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.9.2. Tiddikjara lill-intimati debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, tmien mija u tmienja u erbghin euro u erbgha u

sittin centezmu, (€22,848.64), bilanc minn somma akbar dovuta ghall-bejgh u konsenja ta' materjal u merkanzija *ai termini* tal-iskrittura datata t-28 ta' Mejju, 2003, fuq indikata;

1.9.3. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom biex ihallsu lir-rikorrenti s-somma indikata fit-talba precedenti;

1.9.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u mid-data hemm ukoll indikata;

2. Rat id-digriet datat il-25 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu l-kawza giet appuntata ghas-smigh ghad-data hemm indikata, (ara foll 11);

3. Rat ukoll id-digriet taghha diversament preseduta datat id-9 ta' Dicembru, 2010, li permezz tieghu, wara li semghet trattazzjoni fir-rigward, iddekretat li *prima facie* l-intimati ghandhom risposti x'jippromwuovu f'din il-procedura u ghalhekk awtorizzathom biex jipprezentaw l-istess bil-gurament skont il-ligi fit-terminu hemm indikat, (ara foll 15);

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-16 ta' Dicembru, 2010, li permezz taghha l-intimati rrispondew sintetikament is-segwenti: (ara foll 16)

4.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

4.1.1. Illi l-iskrittura datata t-28 ta' Mejju, 2003, (ara foll 4), hi frawdolenti daparti tar-rikorrenti;

4.1.2. Illi l-kawza hi bbazata fuq konsiderazzjonijiet illeciti;

4.1.3. Illi l-intimati gia` hallsu dak minnhom dovut;

4.1.4. Illi r-rikorrenti talbu u ottjenew imghax ghola mir-rata permess mill-ligi u ghalhekk, bl-uzura;

4.2. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat l-avviz datat it-8 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu l-procedura odjerna giet assenjata lil din il-qorti kif issa preseduta, (ara foll 24);

6.0. Rat il-verbal datat iz-17 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti informat lill-qorti bis-segwenti: (ara foll 102);

6.1. Illi r-rikorrenti u l-intimat Ruben Pace ittransigew il-vertenza li kellhom bejniethom;

6.2. Illi l-procedura pero` kienet ser tibqa` intatta fil-konfront tal-intimata Michelle Micallef;

6.3. Illi konsegwentement kienet ser tipprezenta nota ta' cessjoni limitatament fil-konfront tal-intimat Ruben Pace;

6.4. Illi titlob ulterjorment il-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-intimata Michelle Micallef;

7.0. Rat in-nota datata l-25 ta' Frar, 2015, li permezz taghha r-rikorrenti (ara foll 109):

7.1. Cedew il-kawza minnhom hawn inoltrata limitatament fil-konfront ta' l-intimat Ruben Pace *stante* transazzjoni;

7.2. Zammew fermi l-pretensjonijiet taghhom fil-konfront tal-intimata Michelle Micallef;

8. Rat in-nota wkoll datata l-25 ta' Frar, 2015, li permezz taghha r-rikorrenti irriducew it-talba taghhom issa fil-konfront tal-intimata Michelle Micallef, fl-ammont ta' €11,424.32, (ara foll 110);

9. Illi ghalkemm jirrizulta li l-partijiet ghamlu sforz ulterjuri ghal transazzjoni dan l-isforz ma kienx konkretizzat, (ara foll 112 u 113);

10. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta’ Frar, 2016, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimata, il-kunjom tal-intimata originarjament indikat fir-rikors guramentat promotur gie sostitwit b’dak indikat, (ara foll 115);

11. Rat id-digriet taghha datat iz-17 ta’ Marzu, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 119);

12. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-5 ta’ Mejju, (ara foll 120), u dik tal-intimata datata t-13 ta’ Mejju, 2016, (ara foll 125);

13. Semghet ix-xhieda prodotta;

14. Ezaminat id-dokumenti kopjuzi prodotti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti u x-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

15. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-14 ta’ Gunju, 2016, li permezz tieghu iddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghan-noti ta’ sottomissjonijiet minnhom inoltrati, (ara foll 130);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

16.1. Illi permezz ta’ skrittura privata datata t-28 ta’ Mejju, 2003, ir-rikorrenti bieghu lill-intimati l-istokk kollu fil-hanut bl-isem ta’ “Qajjenza Minimarket” , Triq il-Folklor, il-Qajjenza, limiti ta’ Birzebbugia, (ara foll 4);

16.2. Illi l-korrispettiv ghall-istess kien ta’ wiehed u tletin elf, mija u seba’ u tletin euro u hamsa u disghin centezmu, (€31,137.95), (ara foll 4);

16.3. Illi t-termini tal-pagament hemm pattwit kellu jsir sa zmien seba’ (7) snin mid-data tal-istess kuntratt, (ara klawsola numru 2 tal-istess a foll 5);

16.4. Illi l-pagament pattwit kellu jkun wiehed rateali fl-ammont ta’ Lm100.00 pagabbli mensilment fl-ahhar ta’ kull xahar, (ara klawsola numru 3 tal-istess kuntratt a foll 5);

16.5. Illi *di piu`*, jirrizulta li kienu wkoll qabblu li wara hames (5) snin mid-data tal-istess skrittura;

16.5.1. Il-pagamenti rimanenti kellhom isiru bir-rata mensili ta’ Lm244.00, (ara foll 5);

16.5.2. L-interessi dovuti kellhom ikunu ta’ 7.75% sal-pagament effettiv, (ara foll 5);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi fid-dawl tal-iskrittura privata fuq indikata:

17.1. L-intimati hallsu depozitu t’Lm2,000.00, (ara foll 22);

17.2. L-intimati bdew anke ihallsu mensilment kif pattwit, (ara foll 22);

18. Illi l-pagamenti mensili mill-intimati twaqqfu f’Settembru, 2004, (ara foll 22);

19. Illi konsegwentement ir-rikorrenti pprocedew b’din il-procedura ghall-bilanc lilhom dovut mill-intimati inkluz l-imghaxijiet ukoll minnhom dovuti kif minnhom pattwit, (ara paragrafu numru sittax punt hamsa punt tnejn, (16.5.2.), aktar qabel, u foll 5), u dan, *stante* li ntilef il-beneficcju tal-ezenzjoni mill-imghax b’effett mill-31 t’Awwissu, 2004;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi daparti taghhom l-intimati sintetikament irrispondew is-segwenti:

20.1. Illi l-iskrittura privata in dizamina, (ara foll 4), hi frawdolenti daparti tar-rikorrenti;

20.2. Illi l-procedura odjerna hi ghalhekk dipendenti fuq konsiderazzjonijiet illeciti;

20.3. Illi r-rata ta' imghax pattwita hi ghola minn dik permessa mill-ligi;

Ikkunsidrat:

21. Illi ghalkemm ir-rikorrenti jirreferi ghall-avvjament u jsemmi li l-partijiet qabblu li dan kien valutat fl-ammont t'Lm20,000.00, il-kawza odjerna hi limitata mill-limiti tar-rikors guramentat promotur senjatament dak rigwardanti l-valur tal-istokk indikat fl-iskrittura privata fuq riferita, (ara foll 4);

Ikkunsidrat:

22. Illi *di piu`*, din il-procedura giet limitata fil-konfront tal-intimata Michelle Micallef *stante* li r-rikorrenti cedew il-kawza fil-konfront tal-intimat Ruben Pace, (ara foll 109);

23. Illi *di piu`*, l-istess rikorrenti irriducew l-ammont minnhom pretiz mill-intimata issa rimanenti, (ara foll 110);

24.0. Illi ghalhekk hu pacifiku li issa din il-procedura:

24.1. Hi indirizzata biss fil-konfront tal-intimata Michelle Micallef;

24.2. Ghall-ammont ta' €11,424.32;

Ikkunsidrat:

25. Illi l-ammont indikat fl-imsemmija nota ta' riduzzjoni fuq riferit hu ghall-istokk indikat fl-istess skrittura privata datata t-28 ta' Mejju, 2003, (ara foll 110 u 4 rispettivament);

26.0. Illi l-intimata sintetikament issosstni s-segwenti:

26.1. Illi hu minnu li iffirmat l-iskrittura *de quo* datata t-28 ta' Mejju, 2003, (ara foll 84);

26.2. Illi hu minnu li l-ammont fuq indikat rikjamat mir-rikorrenti hu ammont dovut ghall-imsemmi stokk tal-*minimarket* in dizamina, (ara foll 84);

26.3. Illi tikkontendi li l-ammonti pattwiti gew debitament imhallsa lir-rikorrenti, (ara foll 84 u 85);

26.4. Illi ghalhekk tikkontendi li s-somma mitluba mir-rikorrenti tirrapprezenta interessi ghola mir-rata permessa mill-ligi, (ara foll 85);

Ikkunsidrat:

27. Illi fir-rigward tal-kontenzjoni riferita fil-paragrafu precedenti, fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Felix Farrugia vs. Direttur tas-Sigurta` Socjali***, datata iz-***19 t'Ottubru, 2005***, il-***Qorti tal-Appell*** irriteniet is-segwenti:

> "...il-konvenzjoni affetta b'uzura hija, ghal dak li jirrigwarda l-uzura, nulla b'mod assolut, jigifieri inezistenti, billi illecita ghaliex projbita mill-ligi, u hija illecita fil-konfront tal-mutwant... Ghalhekk is-somma mhallsa bhala uzura ghandha tigi restitwita lil min hallasha, u ma tista' qatt tifforma oggett ta' obbligazzjoni naturali", (Kollez. Vol. XXXII P.I. p. 263);

28. Illi in vista tal-premess, allura jirrizulta assodat illi jekk l-iskrittura privata in mertu qed tahbi imghax aktar milli permess mill-ligi kif qed tallega l-intimata, l-istess skrittura privata ghandha logikament tigi dikjarata nulla;

29. Illi ghalhekk l-oneru li bih qed tigi rinfaccata il-qorti odjerna hu dak delikat li fl-ezami taghha l-qorti ghandha tagixxi b'mod preciz u prudenti biex minn naha wahda ma thassarx ftehim meta dan jisthoqqlu li jibqa` fis-sehh ghaliex jissodisfa l-elementi legali kollha rikjesti, u min-naha l-ohra ma tipprotegix l-ezistenza ta' tali ftehim meta dan jirrizulta vizzjat bl-odjata uzura hawn rikjamata;

Ikkunsidrat:

30. Illi ghandu jkun pacifiku li l-principji naxxenti mill-massima antika u ppruvata hu s-segwenti:

> *"contra scriptum testimonium non scriptum testimonium non fertur"*

31. Illi minkejja s-suespost, jezistu wkoll xi eccezzjonijiet fir-rigward li wkoll ghandhom jinghataw il-piz dovut;

Ikkunsidrat:

32. Illi ghandu jkun pacifiku li skrittura privata liberament konkluza, bhala espressjoni tal-volonta` liberament ezercitata mill-kontraenti, ghandha tinghata l-piz determinanti li jisthoqqilha – ovvjament, sakemm ma jigix ipprovat skont il-ligi li l-istess espressjoni tal-volonta` in dizamina kienet vizzjata;

33. Illi ghalhekk ghandu jkun ovvju li l-oneru tal-prova li l-iskrittura *de quo* kienet vizzjata jinkombi esklussivament fuq min qieghed jallega l-istess – senjatament fuq l-intimata Michelle Micallef;

34. Illi jirrizulta pero` minn ezami tax-xhieda taghha in atti, l-istess intimata ma resqitx xhieda f'dan ir-rigward u illimitat ruhha biss ghall-allegazzjoni taghha fir-rigward, (ara foll 84);

35. Illi ghalhekk l-uzura minnha allegata ma tirrizultax li giet debitament ippruvata;

36. Illi konsegwentement ir-risposti tal-intimata ghat-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

37.0. Illi minn analizi tal-provi prodotti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

37.1. Illi l-intimati Ruben Pace u Michelle Micallef flimkien hallsu l-ammont ta' tliet elef u sitt mitt Lira Maltin, (Lm3,600.00), (ara foll 62 sa 77);

37.2. Illi rizultat tal-istess ammont hekk imhallas mill-intimati lir-rikorrenti jirrizulta li l-intimati kongunti fuq indikati ghad ghandhom ihallsu l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, tmin mija u tmienja u erbghin euro u tlieta u sittin centezmu, (€22,848.63);

37.3. Illi nofs l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti gia` gie mhallas mill-intimat Ruben Pace u konsegwentement, il-procedura odjerna kienet ceduta fil-konfront tieghu mir-rikorrenti, (ara foll 109);

37.4. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti irriducew l-ammont minnhom issa mitlub mill-intimata ghal hdax- il elf, erba' mija u erbgha u ghoxrin euro u tnejn u tletin centezmu, (€11,424.32), (ara foll 110);

37.5. Illi in vista tal-iskrittura privata datata it-28 ta' Mejju, 2003, (ara foll 4), li taghha l-intimata hi firmatarja u allura beneficjarja, (ara firma tal-istess a foll 4, 5 u 6), l-intimata tirrizulta li hi debitrici legittima tar-rikorrenti u ghalhekk hi marbuta li tirrifondi l-imsemmi ammont kif minnha debitament assunt fl-istess skrittura in dizamina;

Ikkunsidrat:

38.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti ippruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u filwaqt li tissottolinea li in vista tan-nota ta' cessjoni datata l-25 ta' Frar, 2015, fil-konfront tal-intimat Ruben Pace, (ara foll 109), qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-procedura odjerna fil-konfront tal-istess intimat:

**DECIDE:**

38.1. Tiddikjara li l-intimat Michelle Micallef hi debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta' hdax- il elf, erba' mija u erbgha

u ghoxrin euro u tnejn u tletin centezmu, (€11,424.32), bilanc minn somma akbar dovuta ghall-bejgh u konsenja ta' materjal u merkanzija *ai termini* tal-iskrittura datata it-28 ta' Mejju, 2003;

38.2. Tikkundanna lill-istess intimata indikata fil-paragrafu precedenti biex thallas lir-rikorrenti Joseph u Doris konjugi Camilleri l-ammont indikat fl-istess paragrafu precedenti;

38.3. Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kif pattwiti fl-istess skrittura privata mis-7 ta' Novembru, 2005, sal-effettiv pagament kontra l-istess intimata.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**